# Sensiela Mro. Angelo Pullicino (1904-79) - Ħajtu u Ħidmietu

(1) PIANGI E PREGA (Marcia Funebre)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Mro. ANGELO PULLICINO[1] jidher li kiteb biss żewġ marċi funebri fil-karriera twila tiegħu bħala surmast ta' għadd ta' baned maltin u kompożitur ta' marċi sinfoniċi u brijużi, innijiet, valzi, u oħrajn. Dana jista' jkun għall-fatt li, fir-raħal marittmu ta' San Ġiljan ma ssirx il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bħalma ssir f'għadd ta' rħula u bliet oħra Maltin u Għawdxin.

Kliem muftieħ: Ġimgħa l-Kbira, Marċ funebri, Mro. Angelo Pullicino, Banda San Ġiljan.

## Il-Marċ funebri

Marċ funebri aktarx li jinkiteb fi kjavi minuri biex jesprimi sens ta' swied il-qalb, u f'temp aktar meqjus, u kif ismu stess juri, jindaqq minn Banda waqt li tkun tikkumpanja xi funeral jew il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Fil-fatt, il-marċ funebri **Piangi e Prega** ta' Pullicino huwa in S*ib* minore.



Funeral f'B'Kara fil-bidu tat-tletinijet

Fir-ritratt ta' hawn fuq, li huwa biss fotokopja ta' kartolina mitbugħa għand *Cassar Photo Studio* tal-Ħamrun, naraw lis-Surmast Anġlu Pullicino bl-uniformi l-bajda[2], li kienet saret fil-bidu tat-tletinijiet, qed iġorr l-standard tal-Banda San Ġiljan waqt korteo li kien sar f'Birkirkara għal funeral ta' xiħadd mhux magħruf li kien miet bi splużjoni ta' kamra tan-nar li ħallietu 'mqatta' bċejjeċ'. Ir-ritratt tal-

[1] Twieled B'Kara fl-1904 u miet San Ġiljan fl-1979. Studja l-ewfonju taħt Vincenzo Costa. Wieħed mill-fundatur tal-Banda San Ġiljan A.D. 1927. Kompla jistudja l-armonija għand Ġużeppi Abdilla, u minn hemm 'il-quddiem qatt ma ħares aktar lura u beda jikteb marċi sbieħ u tal-widna. Huwa kiteb ukoll għadd ta' innijiet li kienu, jew għadhom, jindaqqu u jitkantaw fid-diversi rħula u bliet, fosthom **Regina dei Carmeli**, innu-marċ brijuż bil-wisq għal qalb iż-Żrieraq Karmelitani. Minbarra l-Banda San Ġiljan, Anġlu kellu wkoll dik tal-Istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun. Kien ukoll Assistent Surmast tal-Banda Sant' Elena. Għamel żmien qasir ukoll Surmast tal-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema, kif ukoll Assistant Surmast taż-żewg baned Qriema – San Ġorg u Pinto (illum San Sebastjan). Kien wkoll hu li waqqaf għall-ewwel darba l-baned tal-Għargħur u tal-Imsierah (illum il-Banda San Ġwann). Ħafna kienu l-bandisti Ġiljanżi u oħrajn li ħarġu minn taħt idejh.

[2] L-inawgurazzjoni uffiċjail tal-uniformi l-bajda, magħrufa tax-xitwa, saret nhar is-17 ta' Mejju 1931.

mejjet huwa inserit ġo ċirku fuq in-naħa ta' fuq tal-lemin tal-kartolina. Fir-ritratt jidhru nies distinti iżda mhux magħrufa fuq quddiem tal-korteo, oħrajn qed iżommu l-istandard miksi fil-faldrappa fuq spallithom il-leminija, filwaqt li, oħrajn iġorru l-kuruni tal-ward. Jidhru wkoll mal-ġnub tat-triq, xi irġiel tar-raħal, nisa bl-għenienel, omm fid-daħla tal-bieb b'binha tarbija f'ħoġorha, u tfal bl-isdieri, uħud minnhom iħarsu lejn tar-ritratti. Mhux magħruf jekk il-Banda San Ġiljan kenitx akkumpanjat dan il-funeral li mid-dehra kien fuq fomm kulħadd.[3]



Mro. Angelo Pullicino liebes l-uniformi l-bajda

Il-Partitura[4]

Il-partitura oriġinali fiha 16-il paġna, bl-aħħar tnejn battala. It-titlu ta' dan ix-xogħol iġib biss – *Marcia Funebre*, u l-firma tal-kompożitur - A Pullicino, fuq, fin-naħa tal-lemin. Mhux magħruf jekk l-isem – *Piangi e Prega* (Ibki u Itlob) – ingħatax mill-kompożitur innifsu, jew minn xi ħaddieħor. Jista' jkun li, il-kompożitur iddeċieda li jagħtih isem meta ġie biex joħroġ l-ispartit. Huwa fatt magħruf, għallanqas fil-każ ta' Anġlu Pullicino, li għadd imdaqqas ta' marċi minn tiegħu kien jingħatalhom isem ġdid kull darba li jinxtraw minn xi banda jew oħra. Ġieli kien l-awtur stess li biddel l-isem ta' xi marċ minn dawk li kien jikteb fil-bidu tal-karriera tiegħu – speċjalment dawk ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Mhux l-ewwel darba wkoll li, ħuh Luċjan biddel xi isem ta' xi marċ wara l-mewt ta' ħuh fl-1979, qabel ma kien jiġi biex jagħti jew ibiegħ xi wieħed. B'hekk ġara li, l-istess marċ seta' kiseb aktar minn isem wieħed, bil-konsegwenza li, il-lista ta' marċi ta' Angelo Pullicino twalet bla bżonn. Il-bdil ta' ismijiet ta' marċi seta' sar bil-kunsens tal-kompożitur innifsu matul ħajtu. Wara mewtu, ħuh Lu`jan, peress illi kien kiseb id-dritt tal-*copyright* mill-*Performing Rights Society*, seta' allura, jekk irid, jibdel isem ta' marċ meta jiġi biex jiddisponi minn xi wieħed minnhom.[5]

[3] Luċjan Pullicino, li jiġi ħu s-Surmast, jgħid li Anġlu jista' jkun illi kien kiteb xi marċ funerali għall-okkażjoni. Fl-arkivju tal-Banda San Ġiljan insibu sett ta' erba' marċi funebri mingħajr isem, li, ħlief għat-tieni wieħed, li hu ffirmat minnu stess, ma nafux jekk humiex oriġinali tiegħu, anki jekk il-kitba hija tiegħu. Ta' min jgħid ukoll li, Anġlu kien iniżżel l-inizjali A. P. meta kien ilesti mill-ikkupjar ta' xi parti.
[4] Il-partitura oriġinali tinsab fl-arkivju privat ta' Maestro Manoel Pirotta.
[5] Tagħrif miksub minn intervista li kienet saret mill-awtur ma' Luċjan Pullicino is-Sibt filgħodu nhar is-17 t'Awwissu 2002.



L-ewwel paġna tal-partitura tal-marċ funebri - *Piangi e Prega*

Intant, il-partitura oriġinali hija maħduma *full-score* fejn l-istrumenti jidhru mniżżlin kollha taħt xulxin. Ħafna mill-partituri bikrin ta' Angelo Pullicino huma maħdumin hekk – drawwa li żamm mill-bidu tal-karriera tiegħu sa tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, għax imbagħad beda jaħdimhom biss *in short score* u jagħmel iż-żidiet meħtieġa, bħall ngħidu aħna, skwilli fuq l-istrumenti u l-kurunetti, meta kien jiġi biex joħroġ il-partijiet. Dan kien ifisser ukoll li, il-kompożitur ma kellux aktar għalfejn joqgħod idaħħal strumenti partikolari fil-partitura għax issa l-esperjenza kienet għallmitu jittrasponi mill-ewwel f'moħħu meta jiġi għall-ispartit!

<u>Nomenklatura</u>

Angelo Pullicino kien jikteb għall-istrumentatura ta' żmienu, magħrufa bħala *coresta vecchia*. Kull strument, jew grupp tal-istess strumenti, jokkupa pentagramma għalih, innumerati mill-wieħed sa sittax kif ġejjin:

01 Flauto (in) Do*b*[6]
02 Quartino (in) Mi*b*
03 Clarino Solo e Repin (Ripieno[7]) Si*b*
04 Clarino 2 $^{do.}$ E 3 $^{zo.}$ Si*b*
05 Saxofone Contralto Mi*b*
06 Saxofone Tenore Si*b*
07 Saxofone Baritone Mi*b*
08 Cornetta Sola Si e 2 $^{da.}$
09 Flicorno 1 $^{mo.}$ e 2 $^{do.}$ Si*b*
10 Corni 1 $^{(m)o.}$ e 2 $^{do.}$ e 3 $^{(zo.)}$ e 4 $^{(to.)}$ Mi*b*
11 Trombone Solo e Baritone Si*b*
12 Eufonium Solo e 2 $^{do.}$ Si*b*
13 Trombone 1 mo. acc(.)
14 Trombone 2 $^{do.}$ E 3 $^{zo.}$ acc(.)
15 Bassi (in) Mi*b* e Si*b*
16 Batteria[8]

---

[6] Għalkemm il-flawt huwa in Do bemoll, il-parti tiegħu hija xorta waħda miktuba 'in concert pitch'.

[7] **Ripieno** hija kelma Taljana għal 'supplimentari', jiġifieri, biex jimla l-vojt għal dak li jitqies b'nieqes, fil-mużika tas-sekli sbatax u tmintax, tintuża biex tiddeskrivi il-kumplament sħiħ tal-mużiċisti u bil-kontra ta' *concertante* (grupp ta' strumentalisti solisti). Tintuża l-aktar fil-kuntest ta' *concerto grosso* biex tirreferi għall-orkestra sħiħa, imma tista' tintuża wkoll biex tiddeskrivi tip ta' mużika fejn għandek kuntrast bejn żewġ gruppi ta' mużiċisti differenti, bħal fil-każ ta' *St. Matthew's Passion* (1729) tal-kompożitur Ġermaniż Johann Sebastian Bach.

Struttura

L-istruttura tal-marċ funebri **Piangi e Prega** hija mqassma kif ġej:

| Sezzjoni | Battuti | Rimarki | |
|---|---|---|---|
| Introduzzjoni | 1-10 | | |
| Parti A: | 11-26/7 | Ripetuta | |
| Parti B: | 28-43/4 | Ripetuta | |
| Introduzzjoni | 45-48 | | Trio |
| | 49-60/1 | Ripetuta | Trio |

Analiżi

Il-marċ jiftaħ b'introduzzjoni ta' għaxar battuti fejn il-mużika hija pjuttost omofonika[9]. L-ewwel erba' battuti jindaqqu *forte*, biex imbagħad il-mużika taqa' ħesrem *pianissimo*, u terġa' tiftaħ għal *fortissimo*:

Introduzzjoni:




Parti A, li tiftaħ bi *pianissimo*, tikkonsisti f'sittax-il battuta ripetuti illi fihom tiġi ppreżentata t-tema ewlenija (strumentini, klarinetti u kurunetti), filwaqt li, sassofoni, baritoni u ewfonji jipprovdu l-kontro-kant. Il-bqija tal-istrumenti – korni, trumbuni, baxxi, tanbur u katuba bejniethom jinsġu dak ir-ritmu jkarkar. L-aħħar erba' battuti ta' dis-sezzjoni huma mmarkati *forte*:

L-ewwel tema:




---

8 Strumenti tal-perkussjoni li jikludu tanbur u katuba biss, għax il-pjatti mhux posthom f'marċ funebri.

9 Fejn għandek linja waħda ta' melodija bil-vuċijiet jew partijiet oħra jimxu magħha billi jagħmlu kordi li jservu ta' akkumpanjament.

Parti B ukoll fiha sittax-il battuta, fejn l-ewwel sentenza ta' tmienja donnha sservi t'introduzzjoni għall-bqija ta' dan il-passaġġ imqanqal. Is-soltu, din it-taqsima tkun f'xi tonalità differenti, aktarx ġirien, imma hawnhekk il-kompożitur jagħżel li jibqa' fl-istess tonalità. Il-kuntrast bejn din it-taqsima u dik ta' qabilha jeżisti mill-mod kif jiġi ppreżentat il-materjal – din it-taqsima tiftaħ b'fanfarra f*ortissimo* ta' żewġ battuti fuq ir-ram kollu, segwita, ħabta u sabta, minn tnejn oħra *pianissimo* aktarx fuq l-istrumenti tal-injam. Hekk l-istess jiġri għall-erba' battuti ta' warajhom. Dan il-kuntrast qawwi bejn *fortissimo* u *pianissimo* joħloq effett tassew drammatiku, u jfakkarna wisq f'xogħlijiet klassiċi tal-aqwa kompożituri fejn, filli għandek dik ir-rabja kollha ħierġa minn qiegħ qalb ir-ram, u filli tisma', bi tweġiba, dik il-ħlewwa kollha anġelika tal-istrumenti doċli bħalma huma, il-flawt, l-obwe, u l-klarinett, fir-reġistru mhux daqstant għoli:

Fanfarra:



Fit-tieni parti ta' dis-sezzjoni nsibu mbagħad, tmien battuti oħra immarkati *pianissimo*, u kkaratterizzati minn tieni melodija, wkoll ħelwa, did-darba fuq ir-ram:

It-tieni tema:



<u>It-Triju</u>

Bħalma jiġri fil-biċċa l-kbira tal-marċi, għallanqas dawk Maltin, it-Triju jimmodula – f'dan il-każ lejn Sol*b* maggiore, u b'hekk jikseb dik id-dieqa ħelwa tant mistennija u mixtieqa. Hawnhekk, it-Triju wkoll jiftaħ b'introduzzjoni ta' erba' battuti fuq ir-ram, li tiftaħ u tagħlaq fuq in-nota toniku, u b'ambitu li jħaddan biss intervall ta'sesta maġġuri:

Introduzzjoni:



L-introduzzjoni hija wkoll immarkata litteralment minn ċeżura permezz ta' respir aspett, u dan fil-vera sens tal-kelma. Akkademikament, huwa fatt magħruf li, jekk wieħed jaqta' linja dritta bejn l-ewwel u l-aħħar noti tal-melodija – li f'dal-każ hija magħmula minn l-ewwel sitt noti tal-iskala in Sol*b* maggiore - jiġifieri ż-żewġ Sol bemollijiet, u mbagħad jaqta' linja oħra dritta bejn l-aħħar kroma ta' qabel l-aspett,

u s-semiminima li tiġi eżatt warajh, wieħed jista' faċilment jifforma salib mimdud – xbieha tas-Salib Imqaddes. Fi kliem ieħor, hawn, il-kompożitur bħal donnu jixtieq jagħti reverenza mistħoqqa lejn Kristu mbenġel u mdendel fuq il-għuda tas-salib qed jistenna bil-ħerqa l-mewt tiġi għalih ħalli mbagħad ikun jista' jirbaħha bil-qawmien Tiegħu stess. L-istess ħsieb Kristoloġiku jinsab mhux biss fil-linja melodika, imma anki f'dik li hija armonija, fejn jispikka l-aktar l-akkordju toniku – Sol*b* – Si*b* – Re*b* – it-trijade huwa wkoll simbolu reliġjuż li jirreferi għat-Trinità Mqaddsa. F'dak li għandu x'jaqsam mbagħad, ma' ritmu, hemm ukoll ħafna xi tgħid, għax minkejja li jidhru sempliċi, f'dawn l-erba' battuti wieħed jinnota li, l-ewwel u t-tielet waħda huma ritmikament l-istess – semiminima bil-punt + kroma + u grupp ta' erba' kromi (id-differenza bejniethom hi, li f'tal-ewwel il-melodija titla', u f'tal-oħra tinżel – bejniethom dawn jiffurmaw għolja bħ]al dik ta' Golgota!) Ma' dan wieħed jista' jżid jgħid ukoll li, melodikament u ritmikament dawn il-battuti huma non-retrogradabbli (bħal kelma fis-sens palindromiku tagħha) – jiġifieri taqrahom minn quddiem jew ta' wara quddiem, jagħtuk l-istess ħaġa – l-istess bħalma huwa Alla (għax anki hawn, il-kelma 'Alla' fiha nfisha hija palindroma!) – la Fih bidu u lanqas tmiem!

Intant, l-introduzzjoni hija mmarkata *mezzo piano*, u dan jikkuntrasta bil-kbir mal-bqija tal-mużika li ġiet qabilha – bħal donnu l-kompożitur qgħid jgħidlek: 'hawn issa jixraq li nżommu ftit tas-skiet għax Kristu jinsab agunija!' U xi ngħidu mbagħad għall-aħħar sittax-il battuta (jew sentenza mtennija ta' tmien battuti) ripetituti. F'dan il-passaġġ, li huwa mmarkata *pianissimo*, insibu melodija mill-aktar sempliċi li għandha mill-għanja Maltija, għanja li tiġi fi tmiemha bl-aktar mod solenni.

Tema tat-triju:




<u>Għeluq</u>

Il-marċ funebri **Piangi e Prega** huwa wieħed mill-għadd kbir ta' xogħlijiet bandistiċi li ħallielna s-Surmast Anġlu Pullicino bħala patrimonju. Jalla dan l-artiklu hu biss il-bidu ta' numru ta' kitbiet oħra li jixħtu dawl ġdid fuq dan is-Surmast Ġiljaniż ta' Birkirkara li s'issa għadd ma kellux ix-xorti li jara ismu mnaqqax flimkien mal-bqija tal-hekk imsejħa 'rejiet tal-marċi maltin'!

**Manoel Pirotta** twieled in-Naxxar fl-1962. Tgħallem il-klarinett u ngħaqad mal-Banda Ċittadina King's Own ta' 12-il sena. F'Malta, studja għand il-kompożitur prolifiku, Carmelo Pace. Kiseb ħames 'fellowships' mill-VCM (1994), LCM (1995), NCM (1996), TCL (1997), u IBC (2004). Kiseb ukoll il-midalja tad-deheb fil-kompożizzjoni (1995), u l-orkestrazzjoni (1996), u *certificated and registered teacher* (1999) mill-VCM, li tiegħu huwa wkoll membru onorarju. Iggradwa Masters mill-konservatorju nazzjonali superjuri ta' Lyon, Franza. *Full-time lecturer* fil-University of Malta Junior College, Msida. Nominat "International Musician of the Year" mir-Research and Advisory Board of the International Biographical Centre, Cambridge (2003). Idderieġa l-*Catholic Institute Orchestra* (1987-9) u l-Orkestra Żgħażagħ Maltin (1994-96). Ilu jmexxi l-*University Junior College Orchestra* u l-*Euro Academy Youth Orchestra* sa mill-1998 u 2002 rispettivament. Għandu xogħlijiet ippubblikati f'antoloġiji mużikali, oħrajn jinsabu fuq CDs, u oħrajn indaqqew f'pajjiżi Ewropej. Rebbieħ ta' midalji u gari mużikali, fosthom għall-aqwa marċ brijuż imniedi mis-*Societa' Flarmonica Nazzjonale "La Valette"* f'għeluq il-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Ingħata l-*Grand Prix des Arts* għall-kompożizzjoni u direzzjoni mużikali fit-8 edizzjoni tal-*Malta International Art Biennale* (2007). Inħatar Surmast tal-Banda San Ġiljan fl-2008.